**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 5 ta' Gunju 2025**

Rikors Numru: 57/2025 AL

AB

vs

C D

(M.R. Numru 1638/2021)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

Illi ir-rikorrenti AB izzewweg lil C D fit-28 ta' Awwissu 2021 gewwa il-Knisja ta' San Bastjan, Qormi- Att taz-Zwieg bin-Numru Progressiv

1638/2021u u MR Numru 1198/2021, kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn taht annessa bhala **Dok. EC1;**

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi AB u C D sseparaw legalment minn ma' xulxin u dana in virtu ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Sylvana Borg Cardona datat 10 ta' Ottubru 2022, kopja certifikata hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. EC2,** u ghaldaqstant jissodisfaw ir-rekwizit taht l-Artikolu 66B(b) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jottjenu id-divorzju;

Illi ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni gie dikjarat mill-partijiet f'paragrafu numru 4 ta' l-istess illi huma reciprokament irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u kwindi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi lanqas ma hemm kwistjonijiet ta' manteniment rigward tfal u dana peress illi l-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi ma jezizti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li l-partijiet it-tnejn illum ghandhom il-hajja privata taghhom separata minn xulxin;

Illi flimkien ma' dan ir-rikors qieghed jigi ukoll prezentat affidavit tar-rikorrenti AB li jikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors, hawn taht anness u mmarkat bhala Dok. **EC3;**

Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha sabiex jigi akkordat d-divorzju skond 1-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet AB u C D b'divorzju u dana ai termini ta' l-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar 2025;

Rat illi l-intimata m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mil-10 ta' Ottubru 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.